# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 12**

**Citaz. Nru. 1955/99GV**

Doc. 121-01

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmelo Muscat sija bil-polza u sija bil-ligi - u l-istess Carmelo Muscat.**

**vs**

**Angelo Abela**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fis-6 ta' Jannar, 1999, gewwa Independence Avenue, Mosta, waqt li l-konvenut kien qed isuq karozza numru HAH 601 huwa habat mal-karozza numru JAA 304 misjuqa minn Lisa

Muscat u propjeta' tal-attur Carmelo Muscat u assikurata taht polza '*comprehensive*' ma l-attur nomie.

Premess li dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizija u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Premess li in vista tal-imsemmija polza l-attur nomine ghamel tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut fil-karozza assikurata mieghu.

Premess li d-danni kollha sofferti mill-attur nomine b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal elf, sitt mija u wiehed u sittin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,661.50) li jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) *excess* imhallas mill-assikurat nomine, hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Premess li l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas, huwa baqa' inadempjenti.

L-atturi talbu lil din il-Qorti :

1 tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur noe;

2 dina l-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf, sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,661.50), fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3 konsegwentement il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur noe in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu, 1999, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Angelo Abela a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1 illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi ghall-incident mertu tal-kawza kienet tahti unikament is-sewwieqa tal-vettura JAA 304 Lisa Muscat minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku.

2 salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti: tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li gara f'Independence Avenue, Mosta fis-6 ta' Jannar, 1999 u

ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi; tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' Lm1,661.50c jew kull somma verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi; tikkundanna lill-konvenut ihallas lil atturi l-ammont hekk likwidat.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li hu ma kienx responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni imma kienet unikament responsabbli ghalih Lisa Muscat sewwieqa tal-vettura JAA 304 minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

**PROVI**

Skond **l-okkorrenza** a fol. 25 il-konvenut qal li:

*Whilst proceeding in Independence Avenue towards Mosta and on turning into Mill Street, saw oncoming vehicle No JAA 304 coming into him.*

Lisa Muscat qalet:

*Whilst proceeding in Independence Avenue St., towards Valletta Road, saw other vehicle turning into Mill Street I applied the brakes but the collision occurred.*

*Brief Description of Accident*

*Vehicle JAA 304 was being driven along Independence Avenue towards Valletta Road whilst vehicle HAH 601 was turning into Mill St. when the collision occurred.*

**P.S. 1582 Mario Spiteri** xehed u kkonferma r-rapport li kien ghamel ta' l-incident. Hu qal li l-konvenut kien ser jidhol f'Mill Street, u mhux fejn hemm l'*stop sign*.

**Lisa Muscat** xehdet li kienet qed issuq il-karozza JAA 304 minn Independence Avenue sejra lejn il-Belt. Kien fit-tard fil-ghaxija. Waqt li kienet ghaddejja fuq is-*side* taghha giet karozza minn faccata u qasmet quddiemha billi kisret fuq il-lemin taghha. Hi ghafset il-*brake*, gibdet fuq gewwa izda l-istess habtet. Il-konvenut kien qed jipprova jidhol it-triq fejn hemm *stop sign* u li hi *one way*. Hi kienet ghaddejja bi *speed* normali. Ma tiftakarx kemm kien il-boghod il-konvenut qabel l-incident, meta ratu.

**Victor Vella** xehed li dak in-nhar ta' l-incident hu kien fuq li *stop sign* gej minn Ta' Qali sejjer f'Independence Avenue. Minn naha tal-lemin tieghu giet karozza (tal-konvenut) li harget mill-*parking*. Kien id-dlam u dan ma kellux dawl u qasam it-triq u giet karozza minn naha opposta u habtu *head on*. *He just drove across the road*. Lill-partijiet li habtu hu ma jafhomx. Kien mar jara jekk kellhomx bzonn xi haga u cempel lill-pulizija. Wara imbaghad regghu sejhulu biex jittowja wahda mill-vetturi billi hu jahdem fit-*towing*. Il-hsarat tat-tnejn kienu estensivi. Dak in-nhar kienet daqxejn irxiex tax-xita.

**Il-konvenut Angelo Abela** xehed li hu joqghod Vjal Indipendenza. Kellu l-karozza pparkjata quddiem id-dar tieghu u kien sejjer ghat-tifel biex igibu mill-privat minn Naxxar. Dak il-hin kien id-dlam. Kien sejjer fid-direzzjoni tar-*roundabout* biex idur, xeghel l-*indicator* u f'daqqa jisma' hoss, *brake* enormi u daqqa fil-gemb fuq in-naha tal-passiggier mal-pilastru. Hu ma kienx ra lid-*driver* l-iehor gej qabel. Il-karozza tieghu tkaxkret minn tarf ghall-iehor tul ta' xi 10 piedi.

Il-karozza l-ohra baqghet sejra xi 10 piedi ohra. Il-habta grat ftit 'il boghod mid-dar tieghu. Il-karozza tieghu giet *total loss*. Dak in-nhar ma kienitx xita.

Fuq kontroezami wiegeb li f'dik il-lokalita' li *speed limit* hu ta' 40 km/h (ara ritratt a fol. 56). Hu kien ser jaqsam Independence Avenue biex jidhol f'Mill Street. Hu hares f'Independence Avenue biex jara x'karozzi gejjin. Il-karozza l-ohra ma rahiex. Dak il-hin il-karozzi jkunu bid-dawl. Kien hemm distanza fit-tul fejn seta' jara. Meta ra li mhu gej hadd, dahar. Hu ma qabilx ma' l-iskizz tal-pulizija u ndika bl-ahmar fejn jghid li saret il-habta. Il-*brake marks* kienu aktar minn 30 metru u kien indika lill-Pulizija dan. Il-Pulizija kejjel sakemm waqfet mal-karozza tieghu u mhux safejn baqghet sejra.

It-tifla u l-mara tal-konvenut xehdu dwar x'qalet Lisa Muscat li kienet mghaggla u li kellha habta granet qabel.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Sewqan tal-konvenut.**

***Turning Right***

Il-konvenut kien ser jaqsam arterja principali tat-traffiku Independence Avenue Mosta fl-intenzjoni li jidhol Mill Street biex idur hu kien obbligat skond

**l-Artikolu 85 tal-Highway Code**

*"Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and, when safe to do so, take the*

*appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn."*

Skond l-awtur **Gibb "Trial of Motor Car Accident Cases" p 85:** *"A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle.... making it impossible for the driver of the rear car to avoid a collision..... The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care... "*

Il-konvenut kellu l-obbligu li joqghod attent ghall-vetturi gejjin minn warajh u ghall-vetturi gejjin minn faccata, qasam jahseb biex jaghmel il-manuvra li ried jaghmel.

Il-konvenut kien ser jaghmel manuvra perikoluza meta jaqsam il-*flow of traffic* gej mid-direzzjoni opposta. Hu kellu l-obbligu li ma jaghmilx dina l-manuvra qabel ma jkun cert li matul il-manuvra kollha hu ma kien ser ikun bl-ebda mod xkiel ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta. Kellu jaghmel dina l-manuvra *in absolute safety*. Ma kellu l-ebda dritt jiehu l-anqas l-icken riskju u fid-dubju kellu jieqaf u jistenna. Ir-responsabilita’ tieghu ghas-sewqan prudenti tibda qabel il-manuvra u matulha.

*Invece* x’ghamel il-konvenut. Hu xehed li ma rahx lill-karozza ta’ Muscat gejja allavolja t-triq kellha vizwali ghat-tul u billi kien id-dlam id-dawl tal-karozzi gejjin kienu jidhru mili boghod. Il-konvenut qal li ma ra lil hadd gej u qasam u dak il-hin habat. Dana jindika li l-konvenut jew ma harisx jew ma harisx sew qabel qasam billi hu kellu jara dak li kien *in plain view*. Il-konvenut ma kienx qed izomm *proprer look out* meta naqas li jara dak li kien *in plain view*.

Il-konvenut qed jikkontesta wkoll l-iskizz billi qed ighid li s-surgent indikat hazin li ***spot of impact*** u waqt ix-xhieda tieghu indika b'salib ahmar fuq id-dok. a fol. 38 fejn jghid li sar l-impatt. Is-Surgent ikkonferma li, li *spot of impact* hu fejn indikat fl-iskizz.

Qabel jaghmel il-manuvra biex idur lejn il-lemin il-konvenut kellu jiehu postu lejn nofs it-triq u jistenna l-mument gust biex jaqsam it-triq tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta. Waqt li jkun qed jaghmel dan, hu kellu jaghti avviz adegwat, kemm lit-traffiku li jkun gej warajh, kif ukoll lit-traffiku li jkun gej minn faccata.

Skond Lisa Muscat, il-konvenut kien ser jidhol f'Mill Street, minn fejn hemm *stop sign* u *no entry sign*. Il-konvenut xehed li kien ser idur mar-*roundabout* biex jerga jdur lura biex imur in-Naxxar jigbor it-tifel mill-privat. Mill-iskizz u minn li *spot of impact* jidher li Lisa Muscat setghet hasbet li l-konvenut kien ser jidhol fit-triq fejn hemm *stop sign u no entry* izda l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut *cut across the road* kif xehed Vella u ntlaqat ma gemb il-hajt tar-*roundabout* fejn hemm li *spot of impact* indikat mis-surgent. Il-konvenut ma kienx qieghed posizzjonat kif jitolbu r-regolament qabel iddecieda li jdur.

Jidher li dak in-nhar ta' l-incident l-art kienet niexfa (ara rapport tal-pulizija) u l-konvenut kellu dwal fil-karozza. Dana ma giex kontestat minn Muscat u ma jissemma xejn fir-rapport tal-pulizija.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut ghamel manuvra perikoluza li jaqsam it-triq tat-trafffiku li kienet gejja mid-direzzjoni opposta ghal tieghu bla ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega kif kien obbligat li jiehu u bla ma ppostja l-karozza tieghu kif suppost fit-triq skond ir-regolamenti.

**Sewqan ta' Lisa Muscat**

Dwar is-sewqan ta' Lisa Muscat il-konvenut qed jissottometti li dina kienet ghaddejja bi *speed* esagerat ghal lokalita' fejn hu permess *speed* ta' 40 km/h biss u mill-*brakes* (apparti t-tkaxkir tal-karozza tal-konvenut) li hi halliet u mill-hsarat ikkagjonati (zewg karozzi *total loss*) jirrizulta car li hi kienet main road abuser.

Dwar il-kwistjoni ta' **speed**

"Jekk iz-zewg *drivers* setghu jaraw lil xulxin fi zmien utili, l-fattur ta' li *speed* m'ghandux x'jaqsam xejn ma l-kawza determinanti tal-kollizjoni "*(vol 36 p. 4 p. 797).*

Fil-kaz in ezami l-konvenut xehed li hu ma kienx ra l-karozza misjuqa minn Lisa Muscat gejja.

"Il-velocita' tal-parti l-ohra mhix skuza ghad-*driver* li jonqos mill-osservanza tad-dmirijiet tieghu tas-sewqan." *(Vol. 29 p. 557).*

"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita' eccedenti li *speed* massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta' *purche'* li *speed* tieghu ma jkunx dak li jista' jissejjah "sfrenat". *( S. Mizzi vs J. Grech 23/3/72 u A. Bartolo vs K. Micallef 16.2.73).*

"Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-*driver* sija jekk dan ikun *main road user* u sija jekk ma jkunx, ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocita' eccessiva fiha nfisha ma tistax

titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. **Irid jigi stabilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiv kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut**" *(ara sentenza A .Stanley vs A. Zahra PA JSP 23.3.93).*

Illi fil-kaz in ezami l-kawza prossima ghall-akkadut kienet il-manuvra irregolari u perikoluza li ghamel il-konvenut. Dina kienet il-kawza determinanti ghall-incident.

Jista' li *speed* li kienet ghaddejja bih il-karozza misjuqa minn Muscat jissejjah sfrenat ? Il-karozza misjuqa minn Muscat halliet *brake marks* ta' 30 metru (dawn gew imkejla mis-surgent sa fejn waqfu) u skond il-*Highway Code* {Pagna *Vehicles cannot stop dead*} dana jfisser li hija kienet ghaddejja b'xi 55 km/h (Kilometri fis-siegha) meta l-massimu regolamentari permess f'dik l-lokalita', ghax *built up area*, hu ta' 40 km/h. Ghalkemm dana li *speed* jeccedi li *speed* regolamentari, l-Qorti hi tal-fehma li dan li *speed* ma jistax jissejjah sfrenat, anke meta wiehed jikkunsidra t-tip ta' triq li hi (*avenue*).

Il-konvenut xehed li ma kienx ra l-karozza ta' Muscat gejja u ghalhekk ma setghax jikkalkola li *speed* taghha vizwalment. Kieku stenna kif suppost qabel qasam kien ikollu l-opportunita' li jikkalkola li *speed* taghha u ma jibdiex jittraversa it-triq b'mod inkonsult u ma kienx jipprovoka l-incident.

Kif gie deciz diversi drabi minn dawn il-Qrati r-responsabilita' ghall-incident ma tigiex determinata l-aktar b'ezami millimetriku matematiku tal-fatturi involuti imma bir-relazzjoni ghas-sitwazzjonijiet li jinholqu. Li *speed* tal-karozza ta' Muscat ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax jitqies li kien il-fattur determinanti li pprovoka l-incident.

Il-konvenut semma li l-vetturi spiccaw it-tnejn *total loss*. Dwar il-vettura ta' Muscat, li taghha biss il-Qorti ghandha *survey report*, jekk wiehed ihares lejn ir-ritratt a fol. 54, wiehed jista' josserva li l-hsara principalment hija fuq il-magna u fuq in-naha ta' quddiem fuq ix-xellug. Il-hsarat ma jidhrux daqshekk kbar, pero' billi l-karozza giet stmata li kellha *pre accident value* ta' Lm2,000, u minhabba l-valur tal-karozza u l-valur tat-tiswijiet li jridu jsiru fiha, giet dikjarata *beyond economical repair*. Ghalhekk il-Qorti wkoll ma tistax tigbed konkluzzjoni dwar *speed* mill-fatt li l-karozza ta' Muscat kienet *beyond economical repair*.

Il-Qorti tikkonkludi li Lisa Muscat ma kkontribwitx ghall-akkadut minhabba *speed* u t-tort kien unikament tal-konvenut.

**LIKWIDAZZJONI DANNI**

L-attur Hugh Zammit xehed li wara dana l-incident kellhom *claim* mill-assikurat taghhom Carmelo Muscat. Il-karozza assikurata wara incident kienet '*beyond economical repair*'. Hi kellha *pre-accident value* ta' Lm2,000 u *wreck value* ta' Lm350. Huma hallsu lill-assikurat taghhom Lm1,625 (Dok. HPZ3 a fol. 23 ) u Lm11.50 *survey fees*. L-assikurat hallas Lm25 bhala *excess*.

John Callus, *surveyor* imqabbad mill-attur, ikkonferma s-*survey* li hejja u li l-karozza Daihatsu Cuore kienet *beyond economical repair*. Il-hsara kienet fuq il-*front left*.

Lisa Muscat xehdet li l-insurance kienu tawha l-karozza kif kienet u somma flus.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbili ghall-incident li gara f'Independence Avenue, Mosta fis-6 ta' Jannar, 1999 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

tillikwida d-danni sofferti mill-attur Hugh Zammit nomine fl-ammont ta' Lm1,625 oltre Lm11.50 u Carmelo Muscat fl-ammont ta' Lm25.

tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somom hekk likwidati bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**